Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 688/2013

**Alberta Fire & Security Equipment Limited (appellata)**

**Vs**

**Nicholas Callus (appellant) u Computer Domain (Services) Limited**

12 ta' Dicembru, 2016.

1. B'sentenza tat-13 ta' Marzu, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut Callus sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €3,010.90 ghax-xiri u solar film u *solar blinds*, filwaqt li lliberat lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi. Quddiem it-Tribunal il-konvenut kien iddefenda ruhu billi argumenta li:

   i. Kien ikkancella l-ordni.
   ii. L-attrici naqset milli twettaq l-obbligi taghha.

3. L-attrici ssostni li mill-provi kien irrizulta li l-ordni saret u ma rrizultax li l-konvenut ikkancellaha.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Jidher li l-verzjoni l-iktar kredibbli hi li l-konvenut kien ghamel l-ordni. Tant hu hekk li wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut kienet taqra li: *"… l-ammont reklamat mis-socjeta attrici ma hux dovut u dan stante illi* ***l-intimat ikkancella l-ordni ndikata fl-avviz promotur****, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza"*. Biex isir kancellament bilfors kienet saret ordni. Dan minkejja li meta l-appellant xehed ta x'jifhem li l-ordni baqghet ma saritx ghaliex l-attrici ma kinitx ikkonfermatlu d-data tal-konsenja u tqeghid[1]. Sahansitra fil-kontro-

[1] *"Fit-30 ta' Gunju stess jien kont ircevejt email minghand Marilyn Caruana fejn kienet baghatitli l-invoice izda ma kinitx taghtni risposta rigward meta kienet ser issir l-installazzjoni u fil-fatt kont ergajt bghatt email lil Marilyn Caruana nhar it-30 ta' Gunju 2011 stess fejn ergajt staqsejtha meta kienu ser jigu nstallati s-solar film u solar blinds.*
*Jina bqajt ma hadt l-ebda risposta u peress li fl-emails precedenti Matthew Galea kien infurmani illi kelli nhallas 30% depozitu sabiex l-ordni tkun tista ssir jien ghazilt li qabel ma jtuni r-risposta fuq meta kienet ser issir l-installazzjoni jien it-30% depozitu ma kontx ser inhallsu* ***halli b'hekk l-ordni ma ssirx.***

ezami xehed: *"Qed jigi suggerit lili illi eventwalment jien kont ikkonfermajt l-ordni u nghid illi le, dan mhux minnu"* (folo. 52). Pero' f'email datata 28 ta' Gunju 2011 li l-appellant baghat lil Matthew Galea, impjegat tal-attrici, kiteb: *"Hi Matthew.* ***I would like to confirm the order for the solar film and solar blinds.*** *What is the next step please ?"* (fol. 21). Hemm nuqqas ta' konsistenza. Email li baghat bi twegiba ghall-email ta' Matthew Galea fejn infurmah li kien ser jinghata skont u baghatlu stima aggornata. Din il-kontradizzjoni fil-verzjonijiet ma tirrifletti xejn tajjeb fuq il-kredibilita tal-appellant. Tant il-konvenut kien ghamel l-ordni, li dakinhar stess (28 ta' Gunju, 2011) baghat email ohra fejn kiteb: *"Matthew, can you email me an invoice on Computer Domain (Services) Ltd so then I can issue a cheque covering the deposit ? The company details are as follows….."* (fol. 39). Fuq bazi ta' probabilta ma kienx ser jitlob l-*invoice* li kieku l-ordni ma saritx. Sahansitra f'email datata 21 ta' Dicembru 2011, l-appellant kiteb, *"**I had cancelled the order** and it was never delivered. Please stop sending me statements as otherwise I will refer the matter to the consumers department. I have alerted your offices several times"* (fol. 25). Ghalhekk hu stess jaccetta li kienet saret ordni.

ii. Il-konvenut kellu l-oneru li jipprova li kkancella l-ordni. Ma pprezenta l-ebda dokument f'dan is-sens. F'email datata 30 ta' Gunju 2011 li l-appellant baghat lill-attrici, kiteb: *"Please advise installation date before I can pay deposit. I asked for this several times please"* (fol. 38). Dan wara li l-attrici baghatitlu l-kont (ara email tal-istess data a fol. 38). Mill-provi ma jirrizultax x'kienet ir-raguni li wasslet lill-attrici biex tipprocessa l-ordni minghjar ma thallas depozitu ta' 30% tal-prezz, kif wara kollox jinghad li kellu jsir fl-istima (fol. 17)[2]. Sahansitra, f'email datata 28 ta' Gunju 2011 Matthew Galea kiteb, *"Further to your below email, we need a 30% deposit for the attached order so that we will be able to open the job card and place the order for the film and blinds"* (fol. 40). M'hemmx prova li dan id-depozitu thallas. Wara l-email tat-30 ta' Gunju 2011 li l-appellant baghat lil Marilyn Caruana fejn talab li jinghata d-data tal-istallazzjoni qabel ihallas id-depozitu (fo. 38), ma gewx prezentati emails ohra. Il-qorti ma tifhimx x'kien li wassal lill-appellant biex jibghat din l-email lil Marilyn Caruana li kienet Credit Controller u mhux lil Matthew Galea, li kien ir-*reference point* tieghu kif jirrizulta minn diversi emails. L-appellant fl-affidavit ta x'jifhem li kellu certu urgenza biex jigu nstallati solar films u solar blinds fid-dar fejn kien ighix, *"… peress illi Gunju kien diga' dahal sew u jien l-iktar li kellhi*

***Jien niftakar illi xi xahar wara li bqajt ma rcevejt l-ebda risposta jien kont cempilt lil Matthew Galea kif ukoll lil Marilyn Caruana fejn kont infurmajthom illi peress li qatt ma gejt infurmat meta ser jigi nstallat ix-xoghol jiena ma kontx ser inhallas id-depozitu u ghalhekk qatt ma kelli l-ordni mas-socjeta rikorrenti***" (fol. 36).

[2] *"Payment Terms: 30% on order, balance on delivery"*.

*bzonn is-solar films u solar blinds kien fis-sajf minhabba s-shana"* (fol. 36). In kontro-ezami xehed, li d-data ta' konsenja tal-blinds *"… ghalija din kienet kwistjoni ta' importanza kbira"* (fol. 52). Pero' l-qorti taraha ferm stramba kif l-appellant xehed li wara l-email tat-30 ta' Gunju 2011 (fol. 38), xahar wara kien cempel lil Galea u Caruana fejn *"… infurmajthom illi peress li qatt ma gejt infurmat meta ser jigi nstallat ix-xoghol jien ma kontx ser inhallas id-depozitu u ghalhekk qatt ma kelli l-ordni mas-socjeta rikorrenti"* (fol. 36). Ghall-qorti mhuwiex logiku li l-appellant idum xahar jistenna risposta meta kien diga' ghamel l-ordni, l-attrici harget il-kont u hu stess xehed li ried li s-solar films u blinds jigu nstallati fl-iqsar zmien possibbli. Fuq bazi ta' probabilta, l-appellant kien tkellem ma' ufficjali tal-attrici dwar iz-zmien u nghata taghrif. Il-qorti tqies li l-verzjoni li ta Galea hi iktar kredibbli (ara dak li qal in kontro-ezami dwar id-data tal-konsenja u l-kliem li qal lill-appellant, fol. 48).

iii. Hu evidenti li l-attrici pprocessat l-ordni minghajr m'hemm prova li sar il-hlas tad-depozitu, tant li fit-22 ta' Lulju 2011 inhareg il-kont mid-ditta estera li hadmet ix-xoghol (fol. 24). Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, ladarba kien accetta l-offerta tal-appellanti, ma kienx hemm bzonn li l-attrici tistenna ghal xi konferma ohra minghandu qabel twettaq l-ordni. Hekk kif saret l-ordni, sehh l-*idem placitum consensus* bejn iz-zewg partijiet. Andre Sammut, impjegat tal-attrici, xehed li meta rcevew il-kont minn barra minn Malta ghamlu kuntatt mal-konvenut u beda jghidilhom biex jaghtuh ftit ta' zmien. Kompla jghid li, *"eventwalment madwar xahar wara kien avzana illi kien ikkancella l-ordni"* (fol. 15). Hu evidenti li kien biss zmien wara li saret l-ordni, meta l-blinds kienu diga' tlestew mid-ditta estera, li l-konvenut gharraf lill-attrici li kien qieghed jikkancellaha. Dan b'mod unilaterali u fi stadju meta kien tard wisq ghaliex l-ordni kien tlestiet. Ghalhekk l-appellant ma jistax jahrab mill-obbligu kuntrattwali billi jsostni li kien ikkancella l-ordni.

iv. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ghamel riferenza wkoll ghal email fejn skont hu, *"… indika b'mod car illi huwa mhux ser ihallas id-depozitu jekk ma jkunx jaf id-dati ta' meta din l-installazzjoni kienet ser issir"* (fol. 4). Hawn l-appellant qieghed jirreferi ghall-email tat-30 ta' Gunju 2011 (fol. 38). Pero' f'dak l-istadju l-ordni kienet diga' saret u ma jirrizultax li meta saret giet kundizzjonata ghall-konferma tad-data ta' konsenja. Tant hu hekk li fit-28 ta' Gunju 2011 l-appellant talab li jinhareg l-invoice. Il-qorti lanqas ma taraha kredibbli li kien biss xahrejn wara li waslet l-ordni f'Malta, li l-attrici kkomunikat mal-appellat sabiex taghtih appuntament. Il-qorti taraha difficli temmen li l-

ewwel kuntatt li sar mal-appellant kien fix-xahar ta' Settembru 2011 (ara fol. 20).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.